UT FRUCTIFICEMUS DEO

# Leħen il-Malti

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

## A. C. AQUILINA & CO.

45D, KINGSWAY, VALLETTA.

---

## PAUL TALIANA

### WATCH-MAKER AND REPAIRER

**24, St. JOHN STREET — VALLETTA.**

**A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.**

---



# LEHEN IL-MALTI

IL-XXI SENA JANNAR-MARZU, 1951. Għadd 239-241.

# VIVA MALTA ! VIVA L-MALTI !

*L-Ilsien Malti għandu l-ġrajja tiegħu — Ġrajja ta' Rebħ u ta' Telf. Rebaħ meta rebaħ il-Poplu u tilef meta tilef il-Poplu.*

*Għax il-Malti huwa l-Ilsien tal-ħaddiema tal-art, tal-Maltin maħkuma, ta' dawk kollha li jridu jmiddu għonqhom għax-xogħol kmieni.*

*U madankollu għandhom kull dritt li jaqraw kitba tajba b'ilsienhom. Bħall-kotra tal-Franċiżi, tal-Ingliżi, tat-Taljani —bħal kotra tal-ħaddiema kullimkien li mħabba x-xogħol għal-"ħobża ta' kuljum" ma jaslux biex jaqraw u jifhmu tajjeb ħlief il-lingwa tagħhom.*

*Il-Malti hu ta' kulħadd. Imma jekk klassi mħassra minn influwenzi barranin jogħġobha tiċħdu bħalma tifel "snob" jiċ-ħad lil ommu għax jistħi minnha u floku tiżżejjen b'ilsien ħad-dieħor, il-kotra u min imexxiha ma jistgħu qatt jiċħdu dak l-ilsien li mingħajru l-poplu jaqta' kull kumnikazzjoni mal-ideat li jħarrku l-bniedem għall-progress, mal-kitba tajba li toħroġ mill-aħjar imħuħ, dawk li twieldu w mietu, dawk li għadhom ħajjin u oħrajn li għad iridu jitwieldu. Kotra li tiċħad ilsienha tagħmel suwiċidju politku soċjali. Tikkundanna ruħha b'idejha — tintilef u tintrebaħ; — tintrabat bil-ktajjen tal-ħakkiema tagħha.*

*Għalhekk il-Malti huwa għall-kotra sinjal ta' emanċipazzjoni — tifkira ta' ħelsien mill-ktajjen tal-injoranza li żam-mewha fid-dlamijiet għal sekoli sħaħ taħdem, tiekol ħażin ħażin, torqod; tarġa' tqum, taħdem, tiekol, torqod, — ġisem im-kisser bix-xogħol u moħħ dgħajjef. Ħajja tal-bhejjem!*

*Aħna l-Malti rriduh ikun tagħna lkoll. Kif inhu mill-ħolqien. Irridu naraw tagħlaq darba għal dejjem dik il-ferita li weġġgħet ħafna l-qalb ta' dawk il-Maltin li 'l Malta jħobbuha sħiħa, b'dak kollu li hu tagħha — jiġifieri Maltin li 'l Malta jħob-buha bil-Malti b'kollox bħalma l-Ingliżi, il-Franċiżi, it-Taljani jħobbu 'l art twelidhom bl-Ilsien li jintkellem fiha. Għax kif tista' tkun patrijott Malti xort'oħra?*

*Viva Malta! Viva l-Ilsien Malti! — il-Bandiera tal-eman-ċipazzjoni politiko-soċjali tal-kotra! Il-Kewkba tal-Ġieħ Naz-zjonali!*

Ġ.A.

# *Kummiedji bil-Malti mija u hamsin sena ilu*

Hekk kif Malta u l-gżejjer li jagħmlu magħha waqgħu taħt il-protezzjoni tal-Bandiera Ingliża wara li l-Franċiżi kellhom jikkapitulaw u jitilqu minn Malta, hawnhekk baqgħu, għal bosta żmien wara, l-istess drawwiet ta' mogħdijiet taż-żmien għall-pubbliku bħalma kien hawn fl-aħħar żminijiet ta' l-Ordni tal-Kavalieri u s-sentejn li damu jaħkmu l-Franċiżi, fost dawn il-Karnival, il-Ballijiet u t-Teatru.

It-Teatru li kien hawn Malta kien dak li l-lum nafuh bl-isem tat-Teatru Manoel li kien inbena mill-Gran Mastru Manoel u nfetaħ fid-9 ta' Jannar, 1732. F'dan it-Teatru, għall-ewwel, kienu jsiru xi rappreżentazzjonijiet ta' melodrammi bit-Taljan, u, żmien il-Franċiżi, bil-Franċiż ukoll.

Insibu li fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi hawn Malta l-Opera Lirika kienet waħda mill-aqwa rappreżentazzjonijiet f'dan it-teatru u l-Gvern stess, li dik il-ħabta kien taħt it-tmexxija tal-Kummissjonarju Rjali, Sir Alexander J. Ball, kien saħansitra ħa l-akbar interess f'dan ix-xorta ta' divertiment pubbliku. Ball stess, infatti, kien ħabrek sabiex id-Diretturi tat-Teatru ta' dak iż-żmien jiksbu l-kantanti biex jiffurmaw kumpannija ta' l-opri li kellhom isiru f'dak it-Teatru. Għalhekk, kien bagħat lil dawn b'ittra għand wieħed ħabib tiegħu f'Messina (l-Eċċellenza Tiegħu, is-Sur Nicholas Espluga, Kap-Kmandant tal-Kosta tal-Maestà Tiegħu Siċiljana) fejn talbu jgħinhom isibu dawn il-kantanti għall-istaġun ta' l-opra tas-sena ta' wara. Dan kien fi Frar, 1801. (1)

Barra mill-opra u mill-melodrammi bit-Taljan li kienu jsiru mit-Taljani fi żmien l-Ordni u fi żmien il-Franċiżi, 'l hawn u 'l hinn kienu jsiru wkoll xi kummiedji jew farsi mill-Maltin ukoll. Aħna ma nafux sewwa jekk il-kummiedji li kienu jsiru minn atturi dilettanti Maltin fi żmien il-Franċiżi, l-iktar fi żmien l-imblokk, kinux isiru bil-Malti jew bit-Taljan minn dawk il-ftit nies ta' l-iskola li kien hemm fost l-imblokkati ta' ġewwa l-Belt; iżda għandna xhieda oħra iżjed ċara minn dik li nsibu mfakkra minn Bosredon Ransijat fil-Ġurnal tiegħu (2) ta' żmien il-Blokk, li għal bidu ta' l-amministrazzjoni Ingliża taħt Ball, barra mill-opera, kienu jsiru kummiedji bil-Malti minn kumpannija Maltija. Hija ħaġa minn ewl id-dinja illi r-reċti bil-Malti kienu xi ħwejjeġ tad-daħk, għax il-Malti kien għadu ma ħax ix-xejra tat-teatru serju u t-tekniċità li tinħtieġ għall-arti drammatika minn ilsien ikkultivat.

Fil-Ġurnal Tiegħu, Bosredon 'l hawn u 'l hinn jagħtina xi

dawl ċkejken fuq ix-xorta ta' rappreżentazzjonijiet li kienu jsiru fit-teatru ma' tul l-aħħar xhur tal-Franċiżi f'Malta. L-ewwel informazzjoni jagħtihielna dwar ir-rappreżentazzjoni li kienet saret lejliet it-taqtigħa mill-Maltin li kellha ssir wara l-konfoffa ta' bejn il-Maltin tal-Kampanja u dawk ta' ġewwa l-Belt (11 ta' Jannar, 1799) u li b'riħitha, tista' tgħid, inkixfet miż-żewġ fizzjali, Boudard, Kmandant tal-Forti Manoel u Roussel, fizzjal tal-gwarniġjon ta' dak il-Forti huma u ġejjin lura minn dik ir-rappreżentazzjoni lejn il-Forti meta, qabel ma qasmu l-port ta' Marsamxett lemħu xi nies fid-dlam madwar is-Sur fil-qrib ta' l-imħażen tal-kwarantina. Dik il-lejla kienet il-Ġimgħa u t-teatru dak il-jum kien jinżamm magħluq bħal fi żmien l-Ordni. Bosredon igħid illi billi ewl-il-lejl ma' bastiment kienu waslu bxariet tajba u importanti favur l-armata Franċiża, il-Ġeneral Vaubois deherlu li għandu jikser id-drawwa li jżomm it-teatru magħluq il-lejl ta' nhar ta' Ġimgħa u ordna lid-Direttur tat-teatru li jirrappreżenta l-kummiedja bħas-soltu. Il-kummiedja, kif għandna naħsbu, dik il-lejla kienet jew bit-Taljan jew bil-Franċiż billi f'dik ir-rappreżentazzjoni kienet marret in-nies ta' l-armata Franċiża. (3)

Informazzjoni oħra jagħtihielna Bosredon dwar it-teatru fl-istess Ġurnal fejn igħid (4) li għal ħabta ta' Marzu, 1799, it-teatru ġie magħluq wara li l-atturi wrew ix-xewqa tagħhom li jitilqu mill-Belt billi ma setgħux ikomplu jgħixu hemmhekk minħabba l-għoli tal-ħajja (5). Il-Ġeneral li dejjem xtaq iżommhom billi l-gwarniġjon ma kellha ebda mogħdija ta' żmien oħra biex tedha, ħalliehom jitilqu billi, dik id-darba ma setax ikompli jgħinhom bħas-soltu mill-ikel. Dawn il-kummidjanti kienu kollha Taljani; iżda, wara xi xahar, il-Ġeneral Vaubois, meta ra illi l-volontari (suldati) iddispjaċiehom illi r-rappreżentazzjonijiet waqfu, deherlu li kellu jżomm mill-ġdid lill-kummidjanti u, wara li tahom xi għajnuna ta' ikel, raġa' fetaħ it-teatru. Fl-istess Ġurnal insibu fl-aħħar illi għal bidu ta' Ġunju, 1799, (6) wara li l-kummidjanti Taljani kienu ħarġu mill-Belt, *id-dilettanti Maltin ngħaqdu f'kumpannija filo-drammatika* u dawn ingħoġbu minn kulħadd. Dawn kienu jaħdmu xi kummiedja wara xi opra bil-mużika. Lin-nies tal-gwarniġjon il-kummiedja kienet togħġobhom ħafna, u din ma' l-opra kienu, tista' tgħid, l-unika mogħdija taż-żmien minn mindu kien beda l-imblokk, tneħħi dawk il-ballijiet li kienu jsiru fil-Karnival.

Wara l-kapitolazzjoni tal-Franċiżi, il-Belt waqgħet taħt il-protezzjoni tal-Gran Brittanja u t-Teatru baqa' miftuħ u fih komplew isiru xi rappreżentazzjonijiet.

Aeneas Anderson, Tenent tal-"40th Regiment" fid-Djarju tiegħu: "A Journal of the Forces which sailed from the Downs in

April, 1800, etċ." (7) isemmi t-Teatru Manoel u, wara li jxebbhu mat-"Theatre Royal" fil-Hay Market ta' Londra għall-kobor li fih minn ġewwa, igħarrafna illi fih fl-istaġun tas-Sajf kienu jsiru l-opri tal-mużika bit-Taljan erba' darbiet fil-ġimgħa u fil-ġranet l-oħra kienu jsiru kummiedji bil-Malti." L-atturi Maltin, kif għandu wieħed jaħseb, kienu nies tal-pajjiż; iżda l-kantanti Taljani kienu nies minn Paliermu u Napli, u xi wħud fosthom, li kienu msemmija bħala artisti tajba, tħajru jiġu Malta fil-waqt li l-Gżira kienet taħt l-Ingliżi. Il-prezz tad-dħul għall-fizzjali Ingliżi kien sittax-il sold fil-waqt li l-Maltin kienu jħallsu 5 soldi u 4 ħabbiet inqas, jiġifieri 10 soldi u tmien ħabbiet; u, meta ħaġa tista' tkun, kienu jħallu jidħlu b'xejn ċertu numru ta' nies fqar, skond id-drawwa li kienet ilha taħkem fil-gvernijiet ta' qabel." Anderson li f'Londra, kif ukoll f'xi bliet oħra tal-provinċji ta' l-Ingilterra kien imdorri jara varjetà kbira ta' xenarji, baqa' mistagħġeb kif fi gżira li kienet qrib pajjiż hekk imsemmi għall-arti, fuq il-palkuxeniku kien jintuża biss sett wieħed ta' xeni għal kull rappreżentazzjoni. B'dana kollu, huma ma jddispjaċiehx bir-rappreżentazzjonijiet drammatiċi ta' Malta; dawn servewh ta' biċċa mogħdija ta' żmien li ħallietlu togħma tajba.

Dnub li ebda kopja ta' manuskritt ta' produzzjonijiet bil-Malti ta' dawk iż-żminijiet ma ġiet f'idejna u l-ewwel tifkiriet ta' din ix-xoti ta' kitba ma kellhiex tasal f'idejna ħlief wara xi ħamsin sena bil-produzzjonijiet bikrija ta' Rosato.

A. Cremona.

(1) Ara Ms. Nru. 1118, paġ. 304. Bibl. Rjali ta' Malta.
(2) Bosredon Ransijat. *Assedio e Blocco di Malta*, Malta, 1843.
(3) Opus. cit. paġ. 318.
(4) Opus. cit. paġ. 169.
(5) Opus. cit. paġ. 170.
(6) Opus. cit. paġ. 198.
(7) Aeneas Anderson. *A Journal of the Forces which sailed from the Downs in April*, 1800, *etc.*

# Il-Midghi

Għax tgħid! Kif t'ġi, kultant!

Kont ġej lura minn Ħal1 * * * fejn kienu nġabru eluf ta' nies, biex iqimu 'l Alla l-imbierek, u jisimgħu qassis jitkellem bl-ikbar ħeġġa, kontra l-misħuta għada tad-dagħa.

Kienu nġabru f'dak in-nhar, fil-misraħ ta' dar-raħal, kbarat u mexxejja tal-poplu u nies oħra magħrufa; u l-kotra kienet ferħet għaliex intqal li l-Gvern, biex igħin fil-qirda ta' din id-drawwa kerha, kien għadda liġi li taħtha, min jiġi mixli li semma l-isem t'Alla fil-batal, jeħel kemxa flus, jew ma nafx kemm ħabs.

Uċuħ l-irġiel li kelli ma' dwari ma kenux uċuħ in-nies ħżiena jew il-midgħajja. Madankollu l-bixra u l-ħarsa tal-biċċa l-kbira fosthom kienet dik ta' min hu ħieni bih innifsu għax f'għomru qatt biss ma qal 'aħraq dinek'.

Xħin arġajt lura lejn dari u qrobt lejn it-triq t'egħi, smajt ħafna għajjat tat-tfal u daħk tal-kbar. Bsart x'kien! Marjanu x-xiħ, kienu reġgħu għamlu għalih it-tfal, kien żarrat xi tnejn ħoxnin u kienu ġibulu l-pulizija.

Jien u għaddej minn ħdejn ir-remissa tiegħu kien għadu kemm warrab kuntistabbli, wara li kien ħarrku fuq id-dagħa.

Marjanu kien għadu f'bieb ir-remissa — imbaqbaq — jilmenta, jitmasħan u jzekzek; jagħti b'idu l-waħda fl-ajru u jisħet kemm tfal fiha Malta; u qabilhom it-tfal tal-ġirien tagħna. Minn wara l-kantuniera tad-dar tiegħi kien għadu jinstema' leħen l-iżjed wieħed misħut fosthom igħajjat b'idu ma' ħalqu: "Ara Marjanu, l-qammiel!..."

—"Dan mhux sewwa! Din mhix liġi", qalli x'ħin waqaft u saqsejtu x'kien ġralu. Jien ma nimbex lil ħadd; ma nkellem lil ħadd... Dal-ħafna wlied il-forka ma jistgħux jarawni li ma jgarawnix bil-ġebel. U jekk niżbalja b'waħda biss, iħarrkuni... Mhux sewwa. Marjanu ma kienx xurban f'dak il-waqt; u d-demgħa li ġelbnet ma' ħaddejh nistħajjel li kienet karba mdejqa, ħierġa minn qiegħ qalbu. "Lanqas ili ġimgħa li sibt biċċa xogħol, ħaqq ħlas il-kera u ħaqq biċċa ħobż ħażina. Jekk neħel imqar ħmistax, nitlef il-qaleb u l-ġbejna!"

U ssokta jgerger, jimsaħ għajnejh u jdur mar-remissa.

Qabel ħallejtu, għajnejja marru fuq kwadru qadim, waħdani, bi xbieha fih tas-Salvatur, w'eqaf fuq xkaffa ma' ħajt, b'lampa taż-żejt tixgħel quddiemu. Deherli li f'dak il-waqt fomm Ġesù kien qed jitbissem. Tafux xbieha kif tidher mita għorfa tkun bejn fid-dlam u fid-dawl?......

Xħin dħalt id-dar u dendilt il-kappell u ħarist lejja nnifsi fuq biċċa mera ma' ħajt, sibt li jien ukoll fuq fommi kelli l-fdal ta' tbissima.

*Ġużè Ellul Mercer*

# Ghaliex dil-Medjokrita ?

Inkellemkom bil-ħrafa għalliema bħal Eżopu. Darba waħda kien hemm Ħmàr u Żiemel dejjem bil-pika ma' xulxin. Ta' kull sena kienu jagħmlu mħatra min jieħu l-ewwel wiż-żiemel kien jirbaħlu u jeħodlu l-palju. Il-ħmar ħa għalih. Qal li mhux sewwa li ż-żiemel joqgħod jieħu l-paljijiet kull sena u għax il-ħmar meta kien jinħaq u jipprotesta kellu ħanġra daqsiex għaddiet tiegħu wit-tiġrija bdiet issir bla palju. Issa ż-żiemel tilef kull ħeġġa. Għalfejn noqgħod nitħabat, qal, ladarba nieħu l-ewwel u ma niħux ma hemm l-ebda palju għalija. U mfantas daħal fl-istalla u ma riedx jiġri. Il-ħmar feraħ ħafna; u qal lill-ħmir l-oħra li ż-żiemel baża' minnu u ma riedx jiġri iżjed. Il-ħmir l-oħra għamlulu festa kbira li baqgħet tissejjaħ il-Festa tal-Ħmir. U kull fejn tara ħmir... ħmir... ħmir ferħana bihom infushom... Iż-żwiemel ħadu għalihom u twarrbu. U kull fejn tħares ħmir... dejjem ħmir... u ħmir biss. U lanqas żiemel wieħed!

Bejn wieħed u ieħor it-tagħlima ta' din il-parabola wieħed jista' jqabbilha għall-ħajja Maltija. Ingergru u bil-ħaqq kollu li ma għandiex nies tajbin u li għandna quddiem wiċċna invażjoni tal-injoranti wil-prużuntużi. Issa din hi tabilħaqq ħsara li ddejjqek għax min jibża' għal ġieħ art twelidu ma jistax ma jitmasħanx meta jara kemm kull ma jmur flok nogħlew qegħdin dejjem ninżlu 'l isfel, tarġa wara l-oħra għal ġo qiegħ Wied il-Ħmir. Xi sentejn ilu, ktibt f'din ir-rivista artikolu jismu "Il-Falliment ta' Malta". Minn dak inhar ma sar xejn li juri li qbadna triq ġdida. Għadna fuq it-triq il-qadima, it-triq tal-falliment intellettwali tal-biża'. Il-marda żiedet ħraxet mindu l-bżonnijiet iebsa tal-ħajja ġagħluna ninsistu fuq il-bżonnijiet tal-istonku u ninsew jew inwarrbu l-Bżonnijiet tal-Moħħ; hekk li bħall-mogħoż li dejjem jixtarru, għoddna sirna stonku waħedna u tlifna moħħna. Imma l-marda hija aktar qadima mill-aħħar gwerra. L-egħruq tal-marda hija d-disprezz li dejjem kien hawn Malta għall-Edukazzjoni Sekondarja u sa ftit żmien ilu wkoll għall-Edukazzjoni Primarja. Fl-irħula għad għandna nies li jidhrilhom li aħjar uliedhom imorru jbigħu ftit ħalib jew jgħinu lil missierhom l-andar milli jinħlew fl-iskola; u tarahom jitħabtu u jqabbdu 'l min jitħabtilhom biex uliedhom joħorġu mill-iskola qabel iż-żmien. Imma l-akbar ħtija tal-injoranza li hawn fil-pajjiż, tal-goffaġni fil-mod li naħsbu w nfissru ruħna, ġejja mid-disprezz għall-edukazzjoni sekondarja. Qabel ma l-edukazzjoni sekondarja titqiegħed f'idejn gradwati intelliġenti li għandhom koltura kbira, li kellhom edukazzjoni liberali u

wara li telqu l-Università, baqgħu jaqraw u jitgħallmu l-ideat tal-kbar ma nistgħux nistennew ġenerazzjoni ta' żgħażagħ edukati. Għax ħadd ma jista' jagħti aktar milli għandu hu. It-tagħlim mejjet minn fuq ktieb għall-moħħ sponża taż-żgħażagħ flok il-komunikazzjoni ta' personal'tà ħajja ma' oħra li qiegħda tifforma ruħa, ma jasalx biex itella' ġenerazzjoni ta' Maltin moħħhom miftuħ biżżejjed biex jistgħu jagħmlu ġieħ lilhom nfushom u lil Malta. Tistagħġeb tisma' xi nies, fost dawn gradwati wkoll (u dalwaqt ngħidilkom għaliex) jitkellmu bħat-tfal; tistagħġeb kemm għandhom moħħhom żgħir; kemm huma neqsin mill-ideat u kemm ma għandhom l-ebda orjentazzjoni storiko-filosofika li tmexxihom għall-deċiżżjonijiet maturi. Għedtilkom li fost dawn in-nies ta' moħħ żgħir hemm ħafna gradwati. F'moħħi bħal issa għandi xi professjonisti li l-edukazzjoni tagħhom kienet professjonali biss — li tgħallmu kull ma għandu x'jaqsam mal-mediċina jew mal-liġi u xejn iżjed; u la letteratura u la storja u la filosofija u la prinċipji ta' soċjoloġija li wieħed ma jeħodhomx minn fuq il-bank tal-iskejjel imma mill-qari intelliġenti u riflessiv ta' kulljum. Din hi r-raġuni li ħafna drabi rġiel isimhom imżejjen bi gradi professjonali jagħmlu figura ħażina fejn wieħed li għal kemm ismu huwa mneżża' mill-gradi professjonali jitħaddet u jikteb aħjar minnhom għax ħabb il-qari, ħabb l-ideat, meraħ fl-istorja taċ-ċiviltà tal-bniedem u stħarreġ sal-egħruq tal-Ħsieb tal-umanità kif dan ifisser ruħu fl-attivitajiet kulturali tad-Dinja. Min għandu l-għatx tal-għerf u jfittxu l-għerf jagħmlu għaref u jqegħdlu fi kliemu u fl-idejat tiegħu dik is-saħħa, dik il-maturità li ma tiġix u la bil-presunzjoni u lanqas bil-"bluff" u lanqas bil-prosopopea.

Aħna l-Maltin għandna bżonn naqraw ħafna. Jien dejjem għedt, u saqsejt xi bejjiegħa tal-kotba biex nara għandix raġun, li daqsxejn ta' baħri Ingliż jaqra iżjed minn professjonist Malti; wil-kwalità ta' qari ħafna drabi tixhed superjorità fil-formazzjoni intelletwali. Imma tgħiduli dan kif jista' jkun? Għax jiġri hekk Malta? Iftakru l-ħrafa tal-ħmar li ried jiġri maż-żiemel imma ma riedx li ż-żiemel jieħu l-palju tal-ġiri. Applika t-tagħlima għalina u tifhem għaliex hawn Malta ftit għandna nies ta' ċertu kalibru mentali li isimhom jista' jqajjem rispett barra minn Malta. It-tajjeb tagħna huwa l-medjokrità ta' ħaddieħor. U dan narġa' ngħid għax għat-tajjeb hawn Malta ma hawn l-ebda premju u la ma hemm l-ebda premju li jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, it-tajjeb jaqta' qalbu, jitwarrab mit-tiġrija tal-ħajja, jonkella ċinikament jitħabat mill-anqas ladarba bit-taħbit u mingħajr taħbit xorta waħda ma jeħux li ħaqqu. Qatt ma osservajtu kif fil-ħajja nazzjonali tagħna meta jitbattal xi post importanti u jibdew isiru l-ispekulazzjonijiet fuq min ser jimla

l-post il-ġdid ħadd ma jsemmi l-kwalifiki tiegħu imma l-ideat politiċi jonkella l-familja li tiġbed il-ħabel?

X'ifisser dan? Ifisser li drajna naraw postijiet importanti fil-ħajja nazzjonali jimtlew mhux skond il-ħila imma skond ix-xorti tal-mument. Mhux kulħadd li ħaqqu, il-motto tagħna; kulħadd kif tġih! Imma fejn jidħol il-għawġ il-Provvidenza titwarrab u tħalli l-poplu nġust iħawwad waħdu. Mħabba dan li għedtilkom (u qed nitkellem dejjem bil-qima għall-ftit eċċezzjonijiet), hawn Malta għandha "kbarat inkompetenti". Jiena, u naħseb li hawn ħafna bħali, insibha bi tqila nagħti ġieħ lil dawn in-nies imma jkolli nagħmel sforz fuqi nnifsi u nagħti ġieh jekk mhux lill-persuna lill-kariga li jokkupa. Imma dan mhux sewwa. Mhux sewwa li bejn is-serjetà tal-kariga wil-kapaċità persunali ta' min jokkupaha għandu jkun hemm din id-differenza li kienet tkun komika li kieku ma kinetx traġika. U xejn taħseb li huma jħabblu rashom. Tridx tmur! Mhux bħal ħaddieħor? Taf x'jiġifieri dan? Jiġifieri li meta l-medjokrità tħalliha titla' fejn ma jixirqilhiex hija tiffissa l-istandard tagħha nfisha lil ħaddieħor. *Mediocrity sets its own standard.*

Imma dawn l-abbużi ma jistgħux jinqatgħu? Ma jistax isir xi ħaġa li tgħolli l-istandard tal-personalità nazzjonali biex ma nħammrux wiċċna quddiem il-barranin (qed ngħid għal dawk il-ftit li għadhom jafu jistħu)? Jista' jsir ħafna.

Taf x'għandu jsir? Fit-tiġrija tal-ħajja (jiġifieri impjegi u karigi) lill-aħjar għandna nagħtuhom il-palju li ħaqqhom u hekk biż-żmien tinqata' din il-Festa tal-Ħmir. Hemm mezzi biex tiżen x'jiswa bniedem — provi mill-ħajja, xogħlijiet fil-branka tiegħu; xhieda ta' kapaċità mentali, attivitajiet soċjali, nazzjonali. Għax jekk taqbeż dawn x'jista' jkollok ħlief nies li jonqoshom dawk il-kwalitajiet sbieħ li jixirqu lid-dinjità tal-karigi għoljin? Kien b'dan il-ħsieb li jiena w oħrajn jaħsbuha bħali tħabatna biex lit-*teachers* tingħatalhom edukazzjoni universitarja. Imma xi gwerra. Kemm skużi! Ħadd ma qal li ma xtaqx li t-*teachers* jieħdu edukazzjoni universitarja, anzi qalu kemm jixtiquhom jedukaw rwieħhom. Biss mhux la kemm tiftaħ l-Università għat-*teachers*! Għal min jifhem l-persunalità mħawda tal-bniedem jifhem li waħda hija r-raġuni tal-iskużi u din hija l-għira. Imma l-bniedem jaħbi għawaru biex jibqa' paċi mal-kuxjenza. Jikkonvinċi lilu nnifsu li qed jagħmel sewwa. Madankollu dis-sena mhux ser jibda kors ieħor għat-teachers. U ħadd għadu ma staqsa għaliex!

Narġa' nfakkarkom fil-ħrafa tal-Ħmar; kif meta dan ir-nexxielu jtellef il-palju liż-żiemel, sħabu ferħu ħafna u għamlu dik li f'pajjiżhom baqgħet tissemma l-Festa tal-Ħmir. Iż-żiemel tilef il-palju. Daqshekk biżżejjed. Li dan it-telfien huwa tra-

ġedja għall-pajjiż jinkwieta lil ftit n'es li għadhom jemmnu li l-bniedem Alla ħalqu għad-dinjità wil-ġustizzja. Mil-medjokrità jfaqqsu l-għira li ġa semmejtilkom u l-apatija. Għax l-għajjur ħeġġa waħda għandu — il-ħeġġa li jagħmel il-ħsara lil min hu aħjar minnu. Mill-bqija jiġi jaqa' w jqum. U x'inhu ħlief xhieda ta' apatija mħallta bil-għira t-tfixkil li l-Università ltaqgħet miegħu, tfixkil li mħabba fih wara 4 snin għadha ma tistax tagħmel użu mil-grant ta' £120,000 għall-bini ta' laboratorji tax-xjenza, li minnhom jiddependi l-prestiġju tal-effiċjenza xjentifika tal-Maltin u tal-gradi xjentifiċi tal-Università? U x'juri ħlief apatija intellettwali, kundanna tal-gradi xjentifiċi li jġibu ma' isimhom, il-fatt li fil-gazzetti ħadd minn fost il-gradwati ma kiteb favur il-bini wil-ħtieġa tas-Science Laboratory ħlief tnejn li ma humiex xjenzati? Fejn huma x-xjenzati tagħna li jistgħu aħjar minn ħaddieħor japprezzaw il-ħtieġa tas-Science Laboratories? X'għarukaża! Imħuħ weqfin u ħluq misdudin. Imma nerġgħu naqbdu fejn konna.

Dal-aħħar kont qed nitħaddet ma' bniedem serju li bħali jħobb l-edukazzjoni tal-qalb wil-moħħ. Il-kliem waqa' fuq in-nuqqas ta' qari, kemm it-tfal tagħna jaqraw ftit. U qalli ħaġa li fetħitli għajnejja. Qalli "U x'inkuraġġiment għandhom it-tfal tagħna jistudjaw meta dawk kollha li ma jistgħux ikomplu l-iskola għax ma humiex tajbin isibu post jistennihom f'xi Bank jonkella x'imkien ieħor!" U ftakart jiena wkoll f'dawk il-postijiet fejn rajt impjegati żgħażagħ li lanqas għaddew mis-senior Oxford jaħdmu fejn trid ras taħseb biex tagħmel ix-xogħol sewwa. Hawn Malta tista' tkun l-akbar ħmar; bl-influwenzi tista' ssir kollox!

Tabilħaqq, għalfejn jistudjaw iż-żgħażagħ tagħna jekk il-ħmir li għandhom min jimbottahom għandhom ħobżhom maħbuż? X'tiswa l-kapaċità jekk dawk li jħaddmu ż-żgħażagħ tagħna l-kapaċità jwarrbuha għar-rispett tal-familja li tiġbed il-ħabel jonkella biex jieħdu xogħol b'irħis? Barra mhux hekk. Barra għal kull post responsabbli trid kwalifiki responsabbli. Imma aħna qegħdin f'ċirkolu vizzjus għax, kif għedt ftit ilu, *mediocrity sets its own standard.* Jekk min hu fuq m'aħniex mhux ser ifittex il-kapaċità f'ta' taħtu.

Il-kitba tiegħi llum donnha tgergira. Mhux donnha, hekk hi. Għall-anqas jekk ma nistgħu nagħmlu xejn għadna nistgħu ngergru. U dan hu privileġġ. In-nies medjokri kien jaqbililhom isoddu l-ħluq biex ħadd ma jintebaħ li s-saltna tagħhom hija mibnija fuq ir-ramel. Imma sakemm għandna Demokrazija nibqgħu naqdu lil pajjiżna billi nipprotestaw kontra l-inkoraġġiment tal-medjokrita fil-ħajja nazzjonali.

Ġ. Aquilina.

## FLOTSAM

Ġew żejda fid-dinja
Wid-dinja ħaqrithom,
Irmiethom, ħaqrithom,
Telqithom mar-riħ.
Jissejħu bil-laqam,
Ħajjithom jgħixuha
Fil-logħob u fil-bluha
Bla moħħ u bla ġieh.

Il-ġifen tal-ħajja
Telaqhom jitfarrku
Mal-blat u jitkarkru
Mar-rwiefen tad-dnub.
Il-ħamla kaxkrithom
Mal-ħmieġ u mal-ħama,
Kulħadd fit-tajn waqa'
Imkasbar, milgħub.

Il-Kotra ċaħdithom
Għax rathom għażżiena,
Qarrieqa, ħajjiena,
Meħdija bil-ġlied.
Bħal mazza fuq rashom
Bla ħniena, bla heda,
Tas-saħta u l-mibegħda
Neżlin id-daqqiet.

Imqattgħa, maħmuġa,
Minn nieshom minsija,
Bħal frotta mormija
Dat-tfal fejn sejrin?
Il-Ħaqq jiġri wrajhom,
Il-Faqar jgħix magħhom,
Id-Dnub ħabib tagħhom,
L-iskart tal-bnedmin.

20/X/49. Ġużè Chetcuti.

# META?

Fittixtek fuq il-blat mill-mewġ imsawwat
Meta f'elf qatra l-ilmijiet imfarrka,
Imkissra w imferrxin mir-rwiefen, xterdu
Mal-ġebla bajda ta' l-ixtut.
Harist lil hemm mill-orizzont imbiegħed
Meta bla ħoss id-dellijiet waħxija
Resqu qajl qajl ma' dwari......Ntfew għajnejja,
U leħnek ma wasalx ħelu jitliegħeb
U jwennes 'il widnejja.

Fittixtek f'ħoġor Mejju kollu ħdura,
F'ħaddejn il-warda, fil-ħlewwiet tal-vjoli,
Fil-għana tal-gardell u tal-bufula......
Xbihatek ma dehretx kemm kemm titriegħed
Fuq wiċċ l-għadira; wiż-żiffiet imqarba
Ma ġrewx ferħana, m'ommhom, ir-Rebbiegħa,
Sabiex jiżfnu madwarek.

Is-Sajf, għajjien, għall-kenn tal-palm dellija,
Xagħru kotrana, sbul safrani mdieheb,
Kien ilu ma jarak titħabbeb miegħu.
Feġġet ix-xemx, u xegħlet nar l-egħlieqi;
Is-sema tbissem, u l-ixtut bil-ħajja
Imliehom fis...... Għalxejn, għalxejn fittixtek!
Ilsieni tqal, u binti, l-Għanja, tbielet.
U mietet ġo dirgħajja.

U ġiet inkiss inkiss b'ħaddejn musfara,
Fuq ħatar twil titwieżen, il-Ħarifa;
Nefħet qerrieda fuq tal-ġonna l-ħdura;
Nixxfet il-weraq; tfiet l-ilwien tal-fjuri..
U xagħrha ħallet, imbikkija, d-dielja.
Wensek fittixt; bikjiti bla mismugħa
Intilfet ma' l-irjieħ.

Stennejt bla sabar, fuq ix-xwiek, mixjietek
Tofroq bilkemm is-sbul u il-peprin.
Stennejt il-bewsa ta' xufftejk imriegħda
Tislet minn qalbi l-għanja li għannejtlek
Meta flimkien terraqna qalb il-ħdura;
U int wrejtni t-triq, Muża ħanina.........
"Ħuti l-agħsafar u l-ilwien ta' Mejju;
Għanjieti l-gliegel ferreħin jitgerbu
Qalb ċagħaq u ġebel żgħir tax-xmajra ċkejkna......"

L-imgħoddi kien u għab. Il-futur meta?

U deherli nisma' d-daqq ta' l-istrumenti,
L-ilħna tal-kori, l-kisra tal-vjolini,
U Vienna fetħet bħal blanzun quddiemi,
U faret mid-Danubju melodija
Li 'l qalbi sakkret. U stħajjiltha l-qiegħa
Taħrab u tgħib minn taħti.

Tielgħa bħal ġgant quddiem għajnejja rajtu,
Nisel ta' Vienna, 'l Strauss, u tad-Danubju.
Lagħbet fuq xoffti l-mistoqsija: "Meta?";
Hu ħares lejja kollu ħniena; għajnejja
Tilfu xbiħatu, u dalma għattietli 'l ħsiebi.
Imma f'widnejja smajt bħal melodija
U kliem fil-bogħod, bilkemm ilkemm jinstama':
"Meta d-Danubju jimla x-xfar bil-fjuri,
U minn kull lewn ġwinħajk ferrieħa jtennu
Il-għanja kbira dejjemija tiegħu."

Hemm timxi rajtha, b'dik mixjitha rżina;
Harsitha serqet mill-wardiet tbissima;
F'nifisha l-ġiżimin xerred fweħatu,
U fuq xufftejha l-qroll waqqaf saltnatu.

Triegħdu xufftejja; u żiffa gerrixija
Tenniet f'widinti: "Meta?",
U nħbiet ġod-dellijiet ta' fil-għaxija.

13.1.51 Ġ. B. CASSAR.

---

## IL-QAMPIENA

Il-Qanpiena ħarġet tħabbar
mill-kampnar: "Sar ħin it-talb;
ejjew nies, il-kelma t'Alla
sa nżirgħu, hejju l-qalb".

U minn belt ta' miljun ruħ
marru biss żewġ nisa xjuħ.

Il-Qanpiena għajtet l-għada:
"Ejjew nies sa nqassmu l-flus;
kunu afu li mingħajrhom
lanqas tgħannaq, lanqas tbus".
Miljun ruħ hejjew il-but:
biex jimlewh ħadu t-tebut.

A. BUTTIGIEG

## JIEN ĦSIBT LI NSEJT.....

Jien ħsibt li nsejt......
'mma bejn il-linji morda
tal-kotba tiegħi,
għajnejk u surtek dehru......
u ħriġt infittxek.

Waħdi fit-toroq,
waħdi
fit-tiġrija max-xenqa ta' ġo ruħi,
waħdi
fid-dalma tal-ħsebijiet
mitluf
jien ġrejt għajjien,
sakemm quddiemi rajtek
u smajtek
titkellem, titbissem,
taħt ir-raxxa tal-kwiekeb fl-għaxija
mimlija bid-dija......

15/iv/51.

## V E R S I

*u rajt quddiemi qattusa mejta*
*taħt il-ħajt tas-sejjieħ......*

Kien hemm leħħa ta' qilla f'għajnejha,
ta' ragħwa f'xofftejha,
ta' demm fuq difrejha
(mitluqa mejta taħt ħajt,
mal-ħmieġ, mad-dubbien).
U s-Saħħa tal-Ħajja
inġabret mill-għadam, mill-vini, mid-dgħif,
u ttawlet mit-twieqi tal-għajn,
u fissret l-qilla tat-tajn
li ntebaħ li sejjer jintemm
fil-milja tal-ħajja w tad-demm......
Koħol għajnejha, imberrqa u kbar,
qed jixhdu fil-mewt kontra l-mewt.

24/iv/51.

WALLACE GULIA.

## LILL-PAPA'

Meta x-xita bla ma tehda tinżel
u tqajjem f'qalbi ritmi żgħar imma b'saħħithom
jiġi quddiemi l-isponża ħass ta' qabrek
u x-xquq iqattru fuq il-fdal tat-tebut tiegħek
                fuq il-fdal ta' ġismek.

Is-siġar oxxillanti
bħall-qasab tat-tfal fit-tjun tal-bjar
ifittxu li jħossu xi ħaġ'iebsa
imma l-kampnar li sab is-samm
ma jitħarrekx.

Jiżhru s-siġar
u bħall-klieb imxarrba
ifarfru d-dwejjaq.

Ruħek rieqda f'għaxwa bla żmien
u atoma ta' żmien eċċitata bla ċaqliq
            iż-żenit, ħin l-orkestra kollha tgħajjat
            tmiss tbus u t-tgħanniqa,
            tagħfis xfur l-għajn 'il ġewwa
            u l-qalb tħoss biss
sar ta' dejjem

Papà, meta nxrobt minn magħna
bħalma l-ilma minn banju
u waqaf ir-ritmu mkarkar tat-tħarħira
spiċċaw għalik
ir-ritmi tal-għanja wild ruħek
li hi bla tmiem?
F'dinja bla passat u bla futur
bla ċaqliq u bla spazju
jieqaf ir-ritmu
sbuħija ta' nuqqas
sbuħija minn nuqqas
Kristu bniedem 'ħabba d-dnub
*felix culpa?*

Jew bħalma Alla f'ħin wieħed jara
l-iżmna wieħed wara l-ieħor
f'ħin wieħed
u s-sbuħija tad-dinjiet
f'ħin wieħed

inti tħoss bil-qalb u bil-ħsieb ta' ġismek
tara b'għajnejk u fit-tifkira
l-atmosferi fugaċi tat-tfulija
li jżuruna bħal midneb fi knisja
bħall-imsiefra fi gżiritna
bl-istess għagħa fil-moħħ u bl-istess serqa
donnhom saqajn żgħar ħafja
u t-tifkiriet tal-ġlieda ta' żgħożitek
il-kliem ħiereġ fawwara
ta' ħadid ibaqbaq jagħli?
Tifkiriet li fil-ħajja jaqbduk,
bħal tnehida twila rqiqa mgħaġġla ta' vjolin
u joxxillawk
palma twila vibranti b'ħajja ġdida.

Tara missier l-ibħra ħodor u koħol ta' pajjiżek
u l-ġonna Vjenna li bħal tagħhom dieqa m'hemmx?

Missier aħna siġar.
Meta t-tanbur għafasli qalbi bħal f'mehrież
Kont naf li ġismek sejjer, ruħek baqgħet.
Kont naf?
Ma ħassejtx. Ma nafx. Nemmen,
imma mhux dejjem inħoss.
Dak il-ħin ġismi mexa wrajk waħdu
bħal ma nħossu mitluq u narah minn fuq
meta nitqarben, nagħfas ħalqi, u moħħi joħroġ barra.

Illum, illum Missier li x-xita ħaslet kollox
naħseb, nemmen u nħoss dejjem.

UGO MIFSUD BONNICI.

---

*Il-Lejl jiftaħ il-ward bil-moħbi u jħalli*
*l-Jum jieħu l-ġieħ kollu hu.—*
*Il-werqa ssir warda meta tħobb. Il-*
*warda ssir frotta meta tqim.—*

RABINDRANATH TAGORE.

## ĠESU' U L-ĦARUF

Ġesù kien miexi waħdu qalb l-egħlieqi,
u lemaħ tfajjel żgħir bin ir-raħħala
qed jirgħa nagħġa ma' ħaruf bla tebgħa
qalb il-ħaxix.

Ġesù ħa ġewwa jdejh il-ħaruf ċkejken,
u qagħad jitgħaxxaq bih u tkellem miegħu:
"Kemm għamlek ħelu, ja Ħaruf bla tebgħa,
Alla Missieri,

"Dak sufek abjad daqs is-sħab tas-sema,
għajnejk bla ħażen, mansi daqs il-kwiekeb,
tiġri, taqbeż bil-ferħ, int xbieha ħelwa
ta' ruħ bla ħtija;

"Jiena ħaruf ukoll," issokta jgħidlu,
u lili l-ġnus isejħu l-Ħaruf t'Alla;
biss jiena Ħaruf tal-Art, Ħaruf tal-Ġenna,
Ħaruf ta' Dejjem."

"Is-sibt li ġej il-Għid," qabeż it-tfajjel,
"u noqtlu dal-ħaruf, u b'demmu niżbgħu
il-bieb u l-għatba tagħna biex neħilsu
mis-sejf tal-qirda".
"Iva, Iva, naf," wieġeb Ġesù bil-ħlewwa,
u waqt li bies ir-ras u s-suf bla tebgħa
tal-ħaruf żgħir, għajnejh kbar u sewdiena
imtlew bid-dmugħ.

A. Buttigieg.

---

*Id-definizzjoni tiegħi ta' poeżija pura hi xi ħaġa li l-poeta joħloq barra mill-personalità tiegħu.—*

George Moore.

## IS-SIĠRA TAL-LARINĠ

Issa l-larinġa xegħlet bis-sbuħija
    Ta' elf djamant; u bħala linfa mżejna
    Tarmi, mal-bjuda, l-fwieħa qalb il-ġnejna
Li nbidlet f'ġenna tfuħ ta' ġmiel u dija.

Dalwaqt iqum ir-riħ u jnessi l-ħlewwa
    Ta' din id-dehra sbejħa. U jiskot l-għana
    Tas-siġra mfewħa li, miż-żahar kotrana,
Ma jibqagħlhiex ħlief ftit — il-ħbieb ta' ġewwa.

Bħalha ż-żgħożija, fl-isbaħ ħolm tal-ħajja,
    Tħeġġeġ bl-imħabba u tfur b'tamiet ferrieħa:
    F'għajnejha d-dawl ħanin; b'qalbha mistrieħa,
Temmen fil-ħena, u tirbaħ l-hemm tal-ġrajja.

Imma kemm drabi ż-żgħażagħ, qalb l-irjieħ,
    Jitilfu d-dawl u kull ma hu sabiħ!

DUN FRANS CAMILLERI.

---

## SUNETT
### (INFERNO *CANTO V.*)

*La bufera infernal* twaqqa' bħal weraq
niexef lin-nies żenjin u ssuq quddiemha,
dawra-dawwara — ndiema, dnub, ndiema—
il-ħsiebfehmiet, qosra daqs leħħ il-beraq...

Donnha l-uġigħ ta' ras ta' dak li ħaraq
vixxrih bl-inbid, minflok li ġġib is-sliema,
is-sogħba ttemtem tgħid u tħassar kliemha
u tarġa' minnufih għall-istess meraq.

Ir-riefnu jaħkem ġo l-iqlub moħbija,
ġo l-ibliet u ġewwa d-demm li jieħu l-iben,
u ż-żmenijiet imħawda b'hekk jitfasslu.

Hekk dejjem bħall-ibgħal ta' fuq il-qiegħa
(jaħtfu ħalq ma jafux jekk qamħ jew tiben).
igħaddu mill-istess triq u qatt ma jaslu.

MARĊELL MIZZI.

# JIEN INNIFSI

**Essay ta' Ivo Muscat-Azzopardi.**

"Jien innifsi"...... jew, kif isejħulu dawk li ma jħobbux il-**Malti tajjeb** — li huma laqqmuh, bħallikieku bi tmaqdir "**il-Malti safi**"—, l-egoiżmu, huwa waħda mill-agħar mardiet li qegħdin igħarrqu l-imsejkna dinja tagħna.

Ħalluni qabel xejn, nifli l-kelma etimoloġikament: **Drawwa ħażina tal-bniedem li kull ma jara, irid jiġbdu lejh, irid li jkun tiegħu innifsu, tiegħu biss.** Issa fil-waqt li fl-ilsna romanzi: Ingliż, Franċiż, Taljan, ecc., ecc., ġiet imdaħħla kelma li nisilha huwa Latin (**ego** tfisser **jien**) u li minnha harġu: egoism, egoism, egoismo, ecc., fil-Malti, għalkemm ħafna din id-drawwa ħażina jsejħulha **egoiżmu**, għax influwenzati mill-kelma romanza, il-kelma **jien innifsi**, li kull Malti jifhimha, hija aktar enfatika, qawwija bil-bosta.

L-egoiżmu, ngħid għalija, nikklassifikah bħala marda tar-ruħ u tal-ġisem fl-istess ħin, u bħala l-ewwel eżempju nsemmi lil dawk li qegħdin imaqdru "ilsien art twelidhom".

Qatt smajna xi wieħed Ingliż imaqdar l-ilsien Ingliż? Jew Taljan lit-Taljan?

"X'għandu x'jaqsam" iweġbuk malajr dawk kollha li huma kontra l-Malti.

"L-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, jiswew biex wieħed jaqla' ħobżu bihom barra mix-xtut tagħna".

Le, ħbieb, intom tgħidu hekk għax qatt ma għextu barra minn Malta; kieku kontu ssiru tafu li l-Armeni, in-Nubjani, l-Eritrejani u bosta popli oħra, li bħalna għandu x-xorti li jiftiehem mal-kumpajżani tiegħu permezz ta' ilsien speċjali, kollha jħobbu, jorqmu u jgħożżu l-ilsien nazzjonali tagħhom, sewwa sew għax jagħmilhom Nazzjon għaliha, u ebda wieħed fosthom ma qatt ħolom li għandu jmaqdar ilsien l-art fejn twieled. Mela dawk li jmaqdru l-Malti, imaqdruh għax jew huma jew uliedhom għandhom moħħ li ma jarfax aktar minn ilsien jew tnejn, għall-ħsieb tagħhom, għall-egoiżmu, jaqblilhom jitgħallmu żewġ ilsna li jiswewlhom għall-għajxien tagħhom.

Il-għira, marda oħra kerha, titnissel mill-egoiżmu. Il-bniedem għajjur irid li kull ma jippossjedi għajru jkun tiegħu. U dak li jippossjedi hu ma jħares lejh ħadd.

Il-bniedem għażżien huwa wkoll egoista. Irid li l-oħrajn jaħdmu għalih u hu jħaddem moħħu u ġismu mill-anqas li jista' jkun.

Isimgħu dil-forma l-oħra ta' egoiżmu. Hawn nies li ma jħob-

bu jintrigaw b'xejn. Mill-uffiċċju għad-dar u mid-dar għall-uffiċċju. Lil dawn in-nies hemm min isejħilhom "nies eżemplari" għax jiddedikaw ruħhom għall-familja tagħhom biss. Imma x'kien jiġri kieku kulħadd kien bħalhom? Kif kienu jimxu 'l quddiem ix-Xirkiet ta' Benefiċenza, x-Xirkiet Soċjali, l-Għaqdiet Kulturali? Mela dawn in-nies magħrufin **bħala eżemplari** jeħtieġ li mingħajr ma jabbandunaw il-familji tagħhom, jagħmlu ix-xi ħaġa wkoll għas-Soċjetà.

Is-Soċjaliżmu wkoll — jekk ma jkunx il-veru soċjaliżmu — kultant jaqa' fl-Egoiżmu. Dawk in-nazzjonijiet li jiftaħru li huma soċjalisti u li jikkundannaw il-komuniżmu, għandhom joqogħdu attenti ħafna u jsejsu t-teoriji tagħhom fuq "il-ġustizzja". Il-ħaqq irid ikun sinċier.

Għandi bħalissa quddiemi statistika li turi l-għoli tal-ħajja mill-1939 l'hawn. F'ħaġa waħda biss il-Gvernijiet irnexxielhom iżommu baxx il-għoli tal-ħajja, fil-"kera tad-djar".

L-egoiżmu huwa ferm ikreh ukoll meta jaħkem lil dawk il-għonja li biex irekknu flus kemm jifilħu, ma jħallsux biżżejjed tajjeb lill-ħaddiem li jkun qed iservihom. Kieku dawn l-għonja kienu anqas egoisti dik ir-reazzjoni rivoluzzjonarja li qamet mill-1914 lil hawn aktarx ma kinetx tqum. U x'jiġri mbagħad meta l-egoiżmu jilħaq jaħkem mhux in-nies individwali imma n-Nazzjonijiet? Jiġri dak li ġara fis-seklu li qegħdinngħixu fih aħna. Nuqqas ta' ftehim, sfiduċja wieħed fl-ieħor, biża' wieħed mill-ieħor, u bħala konsegwenza gwerer.

U s-supperbja mhix konsegwenza oħra ta' l-egoiżmu? Is-supperv jidhirlu li huwa biss bravu, huwa biss għaref, huwa biss kapaċi. Lill-oħrajn jarahom dubbien u l-konsegwenza...... mibegħda.

U min jista' jiċħad li l-Karità mhix waħda mill-isbaħ virtujiet li tana Alla l-imbierek? Imma l-egoista ma jħobbx jagħmel karità għax fil-vini tiegħu hemm tiġri mħallta mad-demm ix-xeħħa, ħabiba kbira oħra ta' l-egoiżmu. Kull ma jara x-xħiħ irid jiġbru għalih, irekknu, jurih id-dlam. U meta jmut flusu jgawdihom ħaddieħor u mhux l-ewwel darba li ġara li min jirtu ma jinzertax xi wieħed li minnu ma kienx maħbub.

Kif tistgħu taraw mela l-egoiżmu huwa dik il-marda tal-moħħ u tal-ġisem li biha, l-imsejken milqut minnha, jara d-dinja tiċkien dejjem, sakemm fiċ-ċirku ma jibqax jidher ħlief huwa nnifsu.

Naħseb li ġa ndunajtu li dak li għidt s'issa għandu xi rabta **mad-dnubiet** kapitali, imma din il-għada ħażina tista' ukoll tnissel fina nkwiet kbir li ma jkollu x'jaqsam xejn mad-dnubiet, imma **jista' jingħadd** l-istess bħala waħda mill-pestiet tad-dinja ċivilizzata u tinħass l-aktar fl-ibliet tad-dinja. Aħna iżda, jekk il-

kritika tagħna tista' tisfa' ta' xi ġid, jaqblilna naraw biss kif u fejn tmiss lilna l-Maltin.

La tistagħġbux mela jekk jien se noħroġ b'xi ħaġa oriġinali, li m'intomx tistennewha, imma li, nassigurakom, hija waħda mill-iżjed drawwiet ħżiena li għandna f'Malta u li qed iġġib magħha, barra minn inkwiet kbir, eluf ta' qtajja' kull jum, ferimenti u mwiet ta' kull xahar, u dan barra minn telf ta' żmien għal bosta nies bla ħtija.

Din ix-xi ħaġa hija it-traskuraġni kbira li teżisti f'Malta fost is-sewwieqa ta' l-awtomobblijiet, lorries, char-a-banc, vans, ecc., u mhux anqas, jekk mhux iżjed, fost in-nies li jimxu fit-triqat u li aktar għandhom minn bhejjem milli minn nies; f'kelma waħda nuqqas kbir ta' edukazzjoni fit-traffiku.

Jien jidhirli li l-egoiżmu fost dawn in-nies huwa tant kbir li ta' min isemmi ftit aktar fit-tul in-nuqqasijiet tagħhom:

Sewwieqa li jaqbżu wieħed lill-ieħor fejn ma għandhomx, u biex jagħmlu dan ta' spiss jimxu fuq in-naħa l-ħażina u min ikun ġej fin-naħa t-tajba jkollu jieqaf ħtija tagħhom. Sewwieqa li jaqbżu bil-qabda l-limiti tal-ġiri ffissat mil-liġi.

Ommijiet u miss'rijiet li jħallu lil uliedhom jiġġerrew barra fit-triqat, jilagħbu għal sigħat sħaħ il-boċċi jew il-ballun, basta huma jkunu ħelsu minnhom u joqogħdu fil-kwiet.

Nisa jiċċaċċraw f'nofs it-triqat jew f'kantunieri perikolużi. Tfal li joħorġu bħal sajjetta minn ġo xi dar u li ma jinqatlux fil-kolp biss minħabba l-ħniena t'Alla.

Żgħażagħ fuq il-motor cycles li jsuqu bil-50 mil fis-siegħa biss biex jitkessħu.

Sewwieqa li jużaw id-dawl qawwi (head lamps) — ukoll waqt ix-xita meta r-rifless jikber bil-bosta — u jagħmew lil min ikun ġej quddiemhom.

U fl-aħħarnett in-nuqqas ta' Pulizija fit-triqat biex tara li dawn il-ħafna egħmejjel egoistiki ma jsirux. Egħmejjel li jistgħu wkoll jissejħu pastażati.

Pastażati?! X'għandhom x'jaqsmu l-pastażati f'din il-ħaġa, nistħajjilkom qed tistaqsuni.

Dan żgur li pastażati! Jew jekk mhux pastażati **nuqqas ta' edukazzjoni** għax edukazzjoni ma tfissirx istruzzjoni.

Aħna f'Malta nippretendu li meta wieħed ikun jaf jikteb u jitkellem xi ilsien, jew tnejn jew tlieta, ikun edukat ħafna. Din teorija żbaljata. Jien ma' tul ħajti ltqajt ma' nies li jafu b'għaxar ilsna imma ma jistgħux jissejħu "edukati" għax ma jistħoqqilhomx, fil-waqt li ltqajt ma' oħrajn li kemm kemm jafu bil-Malti u bl-ebda lsien ieħor u jagħtuk tassew pjaċir titkellem magħhom u tagħmilha magħhom.

Mela min'nn fejn ġej dan in-nuqqas ta' edukazzjoni? Ngħid għalija nwaħħal fl-egoiżmu.

Studjaw ftit id-difetti kollha li semmejtilkom hawn fuq u taraw li kieku l-bniedem, flok jaħseb biss fih innifsu, jaħseb ukoll fl-oħrajn, id-drawwiet ħżiena jonqsu bil-bosta.

Dawn li semmejt huma sehem ċkejken min-nuqqasijiet li jaħkmu l-bniedem minħabba l-egoiżmu li jinsab igħix f'moħħu. Dan is-suġġett iżda huwa estiż ħafna u biex wieħed jiżviluppah aktar jeħtieġ jinkiteb ktieb sħiħ. Għalhekk kelli nmiss is-suġġett fuq fuq bit-tama li jekk fost dawk li se jaqrawh hemm xi wieħed "egoista" forsi jindem xi ftit u ma' tul il-ħajja tiegħu, f'għamilu, jibda jaħseb xi ftit ukoll **fl-oħrajn u mhux biss fih innifsu.**

San Ġiljan, 5 ta' Frar, 1951.

---

## IL-FORMA GRAMMATIKALI TAL-KELAMA "MALTA"

Biex naqtgħu sewwa x'inhija s-sura grammatikali tal-kelma "Malta" rridu ninnutaw il-kwantita ta' l-ewwel vokali *a*. Kieku dil-vokali kienet qasira, il-kelma "Malta" kienet tkun *nomen unitatis*, jiġifieri nom li juri għamil wieħed jew ħaġa waħda. Hekk ĦaRĠa hija nomen unitatis tal-verb ĦaReĠ; QaTLa tal-verb QaTel; LeMĦa tal-verb LeMaĦ; KiSRA tal-verb KiSeR. Meta l-vokali li f'din il-qagħda għandha warajha żewġ konsonanti hija twila, il-kelma jew hija missellfa (loan-word) jew hija forma tal-partiċipju preżent, ġens mara. Eżempji ta' kliem missellef b'*a* twila f'din il-qagħda huma papra mill-Isqalli papara; maskra mit-Taljan maschera, eċċ.

Il-vokali *a* fil-kelma "Malta" hija twila. Mela isem l-art tagħna jew hu barrani, mill-Latin "Melita" jew hu forma tal-partiċipju preżent, ġens mara. Imma aħna nafu illi l-isem ta' din il-gżira hu eqdem mill-ħakma Rumana għax għandna fdalijiet tiegħu f'iskrizzjonijiet ta' qabel żmienhom. Imbarra dan, fonetikament il-kelma Latina "Melita" f'ilsienna kienet issir "Melîta". Mela jkollna ngħidu li l-forma grammatikali ta' isem Malta hu participju preżent, ġens mara.

Fil-Lhudi MaLaT tfisser "to slip away" u fil-Lhudi modern MiLLuT tfisser "rescue". Aktarx li isem Malta huwa kelma Feniċja jew Punika ta' tifsira tixbaħ dik tal-Lhudi u għalhekk "Malta" tfisser "post il-kenn", isem li jixraq ħafna lill-port u l-imrasi tagħha. Fil-Għarbi l-verb MaLaT għandu tifsira aktar imbiegħda. Hawa jfissru "to smear with clay" to putty (a vessel); to shave (the hair); to be of mixed race" u fil-Magħreb skond Beaussier tfisser "echauder, tremper dans l'eau bouillante, ebouillanter. Ebouillanter des amandes pour dérober. Couper, passer le roullan sur une mesure pleine de blé". mnejn toħroġ il-forma nominali MaLTa li tfisser: "Règle, rouleau pour passer sur une mesure pleine", (Beaussier). Il-forma partiċipjali tal-verb fil-Lhudi hija QôTeL (m.) u QôTeLa (f.). Bħal fil-Feniċju, forma li f'ilsienna tiġi MôLTa kif igħidu f'xi rħula.

G.A.

# FEHMIET GODDA FIL-KITBA TAL-MALTI

ta'
ERIN SERRACINO-INGLOTT
*Moqri f'Akkademja tal-"Fergħa tal-Malti" tal-Malta Cultural Institute.*

L-ilsna tad-dinja jinqasmu f'żewġ gruppi kbar: il-ħajjin u l-mejtin. Il-Malti, għax qiegħed fuq fomm poplu li, barra minn f'dil-gżira, jinsab ukoll imxerred mal-kontinenti, ma jistax ma jingħaddx ma' tal-ewwel. U bħal kull ħaġa ħajja, l-ilsien Malti wkoll m'huwiex wieqaf, imma qiegħed bla heda jisviluppa ruħu, sew għax jaħtieġlu jindehes ma' dawk ta' nies oħra u jiddakkar minnhom, u sew għax jaħtieġlu jimxi maż-żmien. Għalhekk forsi, neħħi f'xi fergħat tal-poeżija, il-Malti ma jistax jinżamm, kif iridu jgħidu bosta, "safi" u, kif insejjaħlu jien, "statiku". Kulma hu statiku hu jew mejjet jew qed imut, u l-Malti m'hu la l-waħda u lanqas l-oħra.

Fi lsien ħaj il-grammatika wkoll tkun ħajja u għalhekk mhux statika, u minn żmien għal żmien jaħtieġ li min hu tas-sengħa jdurha dawra u jġibha, kif jgħidu l-Ingliżi, "up to date". Dan isir kullimkien u m'hemm ebda raġuni għax m'għandux isir fil-Malti wkoll. Anzi fil-Malti iżjed, għar-raġunijiet li issa sa ngħid.

Xi svilupp kellha l-grammatika tal-Malti sal-lum? Sa fejn wieħed jista' jgħid l-ewwel grammatika serja li kellna (u b'serja rrid infisser "magħmula bil-għaqal, bix-xjenza") kienet dik ta' Vassalli. Imma s-serjetà ta' din il-grammatika tilfet imħabba żewġ fatturi: (a) alfabett artifiċjali u komplikat (b) xejra lejn fergħa waħda ta' nisel il-Malti: l-orjentali jew aħjar il-Għarbi. Vassalli kien igħodd il-kliem li kien ġiena mill-Ewropa bħala "peregrina verba", u hawn kien ħati ta' partitarismu, għax ħamsin sena qablu u iżjed (biex ma mmorrux aktar bogħod) Agius De Soldanis kien ġa irreġistra, fid-Dizzjunarju manoskritt tiegħu, eluf u eluf ta' kliem neo-Latin (Sqalli, Taljan ecc.) li kien jinsab fuq "fomm il-Maltin u l-Għawdxin", kif qal hu, (avolja sejjaħlu bi żball Kartaġiniż). Dawn Vassalli ma tax kashom, u l-"Mylsen" tiegħu, imħabba f'hekk, ma kienx u ma sata' qatt ikun grammatika sħiħa ta' lsienna. Il-ġid li għamel għalbiex tqiegħdet fuq bażi soda l-fergħa Għarbija tal-Malti ma jiċħdu ħadd; imma l-Malti kien imur aktar 'l hinn.

Wara l-grammatika ta' Vassalli, u bla ma noqgħod insemmi xi xogħlijiet ta' din ix-xorta li, jew għax żgħar jew għax magħmulin bla sengħa, ma nistax noqgħod nintilef fuqhom, kellna dik ta' Panzavecchia, xogħol mirqum u sabiħ li juri s-sengħa ta'

min kitbu, u, fi żminijietna, dik ta' Ninu Cremona. Din talaħħar hi l-Grammatika li qed nimxu fuqha l-lum. Ngħidu xi ħaġa fuq din.

Cremona, mgħallem ta' lsienna tassew ta' qies, fix-xogħol tiegħu kompla sviluppa fuq dak ta' Panzavecchia (kif dan qablu kien għamel fuq dak ta' Vassalli) u, fuq it-tagħlim tal-grammatiki għarbin, Cremona tana "kodiċi lingwistiku" li ma jagħmel għajb lil ħadd. Anzi Cremona għamel iżjed mn'hekk. Il-"peregrina verba" ta' Vassalli sabu għall-ewwel darba min jagħmlilhom ħaqq. Forsi Cremona kellu vantaġġ li Vassalli ma kellux. Forsi. Għax fi żminijietna Cremona sata' jinqeda bit-tagħlim xjentifiku li kien inbena fuq l-Isqalli, l-ilsien l-ieħor, barra l-Għarbi, li minnu l-Malti ħa l-aktar. Imma f'dan il-kamp Cremona ma wasalx sa fejn kellu jasal, jiġifieri ma qassamx u ma daħħalx fil-grammatika tiegħu kulma kien imissu daħal u kulfejn kien imissu jitqassam. Dan qed ngħidu bla ebda ħsieb li nmaqdar ix-xogħol għani ta' min jien ingħoddu bħala mgħallmi, għax naf li, biex joħroġ il-grammatika tiegħu fiż-żmien li kellha toħroġ, ma satax jistenna snin oħra sa ma jiġbor u jgħaqqad kulma kien jaħtieġlu għal dan li qed ingħid; u fl-edizzjonijiet ta' wara ħtieġlu jkompli fit-triq li kien beda, ħalli mbagħad it-tiftix u l-istudju fil-fergħa tal-Malti neo-Latin ikompli jagħmilhom (kif naf li qed jagħmilhom) u jieħu ż-żmien tiegħu.

Jien ukoll qbadt it-triq tas-surmast tiegħi u qed naħdem bil-ħrara (u ili naħdem dwar ħdax-il sena issa) sabiex il-ħsieb tiegħi jirnexxi u jkollna grammatika tassew kompluta ta' lsienna kifinhu l-lum, aktar u aktar issa li dan daħal għal sehmu fil-ħajja nazzjonali.

Matul dan l-istudju tiegħi iltqajt ma' bosta kurżitajiet lingwistiċi li ġagħluni nagħmel lili nnifsi xi mistoqsijiet li, bit-taħbit, (f'xi każi) wassluni għal tweġibiet li xeħtu dawl ġdid, fejn qabel aktarx li kien hemm id-dlam, u nisslu fija "fehmiet ġodda" li fuqhom irrid nitkellem il-lum.

Niftiehmu. Fehmiet ġodda, fil-veru sens tal-kelma m'humа qatt. Fid-dinja xejn m'hu ġdid f'das-sens. Il-konklużżjonijiet li wasalt għalihom jien ma joħolqu xejn ġdid, imma jitfgħu dawl aktar qawwi biex wieħed jara, f'xi rokon mudlama, dak li qabel ma kienx jidher ċar biż-żejjed. Mhux innovazzjonijiet, mela, imma kjarifikazzjonijiet, sabiex aħna niftiehmu aħjar u nkunu nafu aħjar fejn aħna u fejn m'aħniex; u nittama, għalhekk, li s-semmiegħa tiegħi jistabru sa ma nkun spiċċajt, u wara mbagħad, jekk jibqa' ħin, lest biex inwieġeb ukoll għal xi mistoqsijiet li jogħġobkom tagħmluli.

Fehmiet ġodda fil-grammatika Maltija, mela.

Nerħulha l-ortografija li fuqha naħseb li naqblu lkoll, u

anki jekk ma naqblux, għax l-ortografija m'hix ħlief l-iskarpell f'id l-iskultur li jrid jonqox, u l-qofol hu x-xogħol li joħroġ mn'idejh mhux l-għodda li bih jagħmlu. Nużaw l-iskarpell li għandna.

Imma l-grammatika tibda bl-alfabett u fuq dan, bla ma nibdluh, jaqbel ngħidu xi ħaġa. U nibdew mill-ittri tal-leħen, jew kif insejħulhom: il-vokali. Aħna tgħallimna li huma ħamsa: A, E, I, O, U. U hawn bdejna ma naqblux mal-Għarbi fejn il-vokali huma tlieta. Kien hemm min qalilna biex tagħna nagħmluhom tlieta wkoll, biex nimxu ma' din il-"madre lingua"! Kif n'stgħu qatt? Il-Malti m'hux Esperanto li nħoloq u ssawwar minn erbgħa minn nies, imma lsien ta' poplu li jikkmanda fuq ir-rieda anki tal-letterat. Imma barra dawn il-ħames vokali aħna fl-ortografija tagħna daħħalna leħen vokaliku ieħor li tajnieh il-libsa ta' IE, li nsejħulha "elif" għax hi għamla ta' A li l-Malti daħħal mill-Għarbi. Din m'hix dittong imma sempliċi digramm. Imma araw kif dan il-leħen ġdid ninqdew bih ukoll għalbiex niksru lejna l-E miftuħa u twila ta' xi kliem Sqalli u Taljan: PENA issir PIENA u SPERA ssir SPIERA eċċ. Għala fl-alfabett tagħna dan il-leħen (li għall-konvenzjoni biss, u biex ma ndaħħlux għelm ġdid, niktbuh b'*I* u b'*E* kważi mgħaqqdin) ma nagħtuhx, meta jekk nagħtuh naraw kif is-sitt vokali jispjegaw ruħhom aħjar? Inqassmu l-vokali fuq il-fehma ġdida u naraw: Huma sitta, jew aħjar tliet gruppi ta' tnejn f'kull wieħed: *A* u *IE*, *I* u *E*, *U* u *O*. U hekk hu. Għax iż-żewġ vokali ta' kull grupp huma, nistgħu ngħidu tewmin, L-ewwel grupp: *ĠAB* u *ĠIEB;* It-tieni grupp: *TKELLEMT* u *TKELLIMT;* it-tielet grupp: *FOĦĦAR* u *FUĦĦAR*. Min igħid hekk u min għid hekk. Provinċjalismi? Gosti? Le: la l-waħda u lanqas l-oħra. Stat fluwidu ta' pronunzja? Lanqas. Ma jistax ikun hemm żewġ manjieri kif tlissen kelma u t-tnejn ikunu tajbin. F'ilsna oħra dan issewwa, fejn kien jeżisti. Xi waħda trid tabilfors tkun aħjar mill-oħra. Liema hi l-aħjar f'kull każ minn dawn li tajtkom? U hemm mijiet u mijiet oħra bħalhom. Nistgħu nibqgħu sejrin hekk bla ma naqtgħuha? Dawn kienu ftit mill-mistojsijiet li għamilt lili nnifsi minn żmien għal żmien u li, studja minn hawn u fittex minn hemm, fl-aħħar sibt it-tweġibiet għalihom, anki bil-għajnuna tal-filoloġija, imma nħallu din ix-xjenza fil-ġenb bħalissa. Nimxu fuq il-fonetika. Ħalli nagħmlu ftit mistoqsijiet oħra. Nieħdu xi kelma neo-latina, għax hawn ukoll insibu minn dawn id-"doppji pronunzji" biex insejħilhom hekk. Għala fil-waqt li ngħidu: *IMBOTTA, INKOLLA, IXXOKKJA*, imbagħad ingħidu: *IMBUTTAW, INKULLAW, IXXUKKJAW*? Fejn dejjem l-*O* ssir *U*, jew viċeversa? Naraw li mentri, f'ta' l-ewwel, l-aċċent dejjem qiegħed

fuq l-ewwel vokali l-*O*, meta żdied is-suffiss (sew jekk hu tal-plural u sew jekk hu tal-pronom jew ħaġ'oħra), u mħabba f'hekk l-aċċent mexa, l-*O* bħal tiħu fastidju u twarrab, u flokha tidħol oħtha t-tewmija l-*U*. U dan isir *dejjem*, neħħi eċċezzjoni waħda li dan mhux il-lok li nidħlu fiha. Niġu għal konklużjoni (biex ma ntawwalx) li l-vokali miftuħa *O* titlob l-aċċent mentri siħbitha l-magħluqa *U* ma taħtiġux. U hawn hu l-imma tas-sostituzzjoni. Minn dan tiġi waħidha r-risposta ta' liema hi tajba minn *TOFFIEĦ* u *TUFFIEĦ*. Fil-kelma *TOFFIEĦ* l-*O* għandha l-aċċent fuqha? Le. L-aċċent qiegħed fuq l-*IE* (li kulfejn tkun dejjem għandha l-aċċent). Mela għandna ngħidu *TUFFIEĦ* u mhux *TOFFIEĦ*, *FUĦĦAR* u mhux *FOĦĦAR* eċċ. Din m'hix kumbinazzjoni, imma regola, u għandi l-pjaċir ngħid li, bis-sabar ġbart statistika tal-kliem kollu ta' din il-għamla u sibt li r-regola ma tinkisirx ħlief f'xi każi iżolati, għal raġunijiet filoloġiċi li huma dejjem il-ħtija tal-eċċezzjonijiet grammatikali.

Fil-każ tal-*E* u l-*I* ir-regola timxi l-istess. L-*I* trid l-aċċent u l-*E* ma tridux. Xorta bħall l-*O* u l-*U*. Ma ngħidux mela *TKELLEMT* imma *TKELLIMT* jekk irridu nuru li nafu x'aħna niktbu jew ngħidu.

Fil-każ tal-*A* u l-*IE* ir-regola timxi l-istess, bl-*IE* dejjem bl-aċċent fuqha, neħħi għall-A xi każi ta' gutturali li jiksru r-regola għal raġunijiet fonoloġiċi li fil-grammatika, miġjuba "up-to-date", ikollhom it-tifsira tagħhom sabiex l-istudent ma jitħawwadx.

Fuq il-vokali nista' ngħid li l-Malti wiret il-ġmiel kollu ta' dik id-distribuzzjoni magħmula bis-sengħa li għandu l-Għarbi, u kompla għanieh ukoll b'serje ta' regoli ġodda li jien insejħilhom "ordni ta' preċedenza u ta' dritt", kważi ta' ġerarkija, li ħaqqhom, minn idejn il-grammatiku, trattament ferm aktar serju minn dak li kellhom sal-lum.

Imma, għad li dan m'hux kollox, nistgħu nieqfu hawn fuq il-vokali, billi ngħidu b'konvinzjoni, li m'hux tabilħaqq li dawn l-ittri m'għandhomx rabta soda fil-kelma bħal ma għandhom il-konsonanti. Għandhom rabta li, għax m'hix sempliċi (bħal dik tal-għerq), hi ta' interess akbar u forsi wkoll ta' min jgħożżha iżjed, għax hi speċjalizzata fil-Malti anki iżjed milli hi fil-Għarbi.

Irrid inżid biss li l-vokali jistgħu jingħarfu bejniethom b'laqam għal kull waħda: ngħidu aħna, l-*A* hi l-vokali tal-"gutturali", l-*E* hi l-vokali tal-"aspirati", l-*I* hi l-vokali tal-"aġġettivi", l-*IE* hi l-vokali tal-"aċċent", l-*O* hi l-vokali tal-"verb passiv" u l-*U* l-vokali tan-"nom passiv".

Naqbdu issa l-grammatika proprja. U nibdew biex nistaq-

su: X'jiġi l-ewwel: il-Verb jew in-Nom? Mistoqsija interessanti ferm li mhux la kemm tweġibha malajr. L-ewwel riedet tkun il-ħaġa biex ġrat l-azzjoni, mela n-nom imbagħad il-verb. Imma dan fil-ħajja. U fil-lingwa? Għallanqas fl-ilsien Malti m'hux hekk. Għal dik li hi l-ġeneralità tal-kliem ta' nisel Għarbi kif ukoll għal għadd ġmielu ta' kliem qasir ta' nisel Sqalli, l-Malti jimxi fuq it-trilitterismu jew għerq ta' tliet konsonanti, qegħdin f'ordni speċjali li ma jitbiddilx, fejn kull għerq isarraf ħsieb jew idea. Dan il-għerq jien insejjaħlu "tripied" li minnu, mbagħad, joħorġu ideat sussidjarji dejjem marbuta mal-ħsieb oriġinali. Eżempju: Mit-tripied: Ħ-B-B joħorġu l-paradigma tal-verb ĦABB, in-nom mimmat MĦABBA, l-aġġettiv-sostantivat ĦABIB, in-nom astratt ĦBUBIJA (l-lum ngħidu floku ĦBIBERIJA, b'forma *"melange"* ta' Sqalli u Għarbi), l-aġġettiv parteċipjali MAĦBUB, u bosta oħrajn, fejn it-tripied insibuh dejjem fl-istess ordni Ħ-B-B.

Għedt il-ġeneralità tal-kliem, imma fuq il-fehma ġdida messni għedt it-"totalità" billi ninkludi taħt ir-regola tat-trilitterismu" anki l-kliem magħruf bħala "kwadrilitteru" jew ta' b'erba' konsonanti, għax, jekk wieħed ifittex birreqqa (kif għamilt jien) isib li dawn m'humiex ħaġ'oħra ħlief trilitteru b'konsonanti żejda li daħlet b'evoluzzjoni. Għattifsir ta' dan il-fatt tgħin ferm il-filoloġija, ħi tgħallimna, per eżempju, kif il-konsonanti Ċ (li l-lum aħna niktbuha bit-tikka) daħlet fil-Malti u fil-Għarbi tan-Nord Afrika, li hu l-eqreb lejna, mill-Isqalli bħala varjanti tal-*X*. Nieħdu kwadrilitteru: *QARMEĊ*. Nafu li dan il-verb, mibni fil-Malti minn *QARMUĊ*, li daħlet mill-Isqalli *CARMUCIU,* hu madankollu ta' nisel Għarbi, fejn iċ-Ċ żdiedet wara, u t-"tripied" hu *Q-R-M,* li minnu joħorġu l-verbi tat-tieni forma *QARREM* u *GERREM*. Il-bidla tal-*G* f'*Q* nifhmuha malajr meta nqisu li *QALB* fin-Nord Afrika hi *GALB*. Meta dan il-kwadrilitteru kien, qabel ma sar, "tripied". U b'ħalu llkwadrilitteri l-oħra kollha, kif għad jidher minn xogħol fuq hekk li jien lestejt u li għad nippubblika biż-żmien, kallajrid.

Mela l-kwadrilitteri huma verbi "mnisslin" u mhux "ewlenin" u fil-grammatika hekk għandhom ikunu ittrattati. Min dan jiġi li l-kwadrilitteri ma jistgħux jitqiesu bħala verbi tal-ewwel "forma" imma tat-tieni, xorta waħda bħall-verbi mnisslin mill-ewwel forma fejn it-tieni "sieq" tat-tripied tirdoppja. U din m'hix *"trovata artifiċjali"* tiegħi għax fil-fatt dawn il-kwadrilitteri jimxu fil-konjugazzjoni fuq il-verbi mnisslin li semmejt. Jekk il-kwadrilitteri jibqgħu jiġu magħduda mal-verbi tal-ewwel forma, moħħ l-istudent jitħawwad, mentri jekk isir

kif qed ingħid jien dawn il-verbi jieħdu l-post li jixirqilhom u fl-istess ħin l-istudju jeħfief.

Imħabba l-fatt li l-kotra l-kbira tal-verbi tagħna huma ta' nisel Għarbi, kien jaħtieġ li l-forom verbali jimxu fuq it-taqsim tal-grammatiki tal-ilsna Orjentali li fosthom l-Għarbi hu l-aktar sviluppat. Fil-Għarbi hemm għaxar forom ta' verbi kull waħda b'tifsira varjata tal-forma oriġinali jew ewlenija li hi l-ewwel waħda. Hekk fil-Malti. Per eżempju: *KISER* (Forma I) ifisser l-egħmil transittiv-attiv nett. *KISSER* (Forma *II*) ifisser l-egħmil ripetut, u għalhekk hu "forma repetittiva", f'dal-każ; xi drabi din il-forma hi attiva jew passiva, bil-maqlub ta' xi tkun issarraf l-ewwel forma, skond it-tifsir ewlieni tal-verb. *TKISSER* (forma V) ifisser l-egħmil passiv. *NKISER* (forma VII) ifisser l-egħmil riflessiv-passiv, u nibqgħu sejrin hekk.

Din il-għamla ta' tqassim tal-verbi hi bażi fondamentali tal-grammatika Maltija u m'għandna x'ingħidu xejn. Fejn għandna x'ingħidu hu: X'ser nagħmlu bil-"peregrina verba" li m'humiex "peregrina" iżjed? Fuq dawn, il-grammatiki tagħna ma jsemmu xejn, ħlief dik ta' Cremona li, però, kif ġa għedt, ma tgħidx kollox.

Nifhmu li l-verbi neo-Latini li għandhom sura ta' tripied jew kwadrilitteru li jista' jidħol, biex ngħid hekk, fil-"grooves" tas-sistema orjentali, daħlu bla taħbit u ħadu posthom mal-verbi ta' nisel Għarbi. Fost dawn insemmu: *BAXXA* li jagħmel bħal *MEXXA*, u *PARTAT* li jagħmel bħal *SULTAN* eċċetra.

Imma xi jsir b'dawk il-verbi Sqallin, Taljani, Ingliżi eċċetra li daħlu, għadhom deħlin u ma jistgħux ma jibqgħux jidħlu fil-Malti, u li ma jistgħux jidħlu fil-"grooves" li semmejna? Nagħmlu bħal Vassalli, inħalluhom barra? Nibqgħu ma nagħtux kashom xjentifikament u mwarrbuhom fil-kitba? Kif jista' jkun? Jiġrilna bħall-Għarbi u jiġi żmien ikollna n-NAĦWI tagħna li ħadd ma jifhmu ħlief l-istudjużi. Jekk inħobbu l-Malti mhux biss dak ta' missirijietna imma dak li għad ikun ta' wliedna, mhux biss il-poeżija ħelwa imma l-proża ta' dan is-seklu qalil u aħrax li qed ngħixu fih, il-Malti li jaħtieġ ikun il-passaport tagħna bħala Ewropej, ma nistgħux nibqgħu inqarrsu wiċċna u nkemmxu xufftejna lejn dan it-tilqim ġdid li ma jistax ħlief isaħħaħ demmna b'dik il-"cross-breed" li, bil-ħila tagħha, nisilna flok jiffjakka jitqawwa, flok jidbiel jinħeja, flok imut igħix.

Biss: *est modus in rebus,* u, għal dan ix-xogħol, irid jidħol min jifhem, biex inaqqi l-ħaxix ħażin li jista' jitrabba fuq fomm il-poplu li jista' ma jqisx biżżejjed bir-reqqa mniex għandu jiddakkar u mniex le. Imma poplu li għandu lsien bħal tagħna:

b'egħruq qawwija u b'ħamrija għalliela, ħafna drabi, bla ma ħadd igħidlu, jsib il-mod kif irażżan u jliġġem dan l-influss ta' kliem modern u jaddattah għaliħ. Minn daqshekk aħna għandna vantaġġ fuq ilsna bħal l-Ingliż u t-Taljan, fejn il-letterat jiddetta u l-poplu jobdi. Il-fatt li l-letteratura tagħna għadha fi tfulitha jew, aħjar, m'hix vasta — u kull deni ħudu b'ġid— f'dal każ, sewa ta' ġid, għax għadna fil-waqt li nqisu tajjeb xi kliem modern indaħħlu u kif indaħħluh. Imma l-lum irrid inqis biss dak li mill-"peregrina verba" ġa daħal u għamel l-egħruq.

Staqsejt ftit il fuq: X'nagħmlu bil-verbi neo-Latini li ma jaqblux fil-għamla tagħhom mas-sistema Għarbi? Ma nistgħux naqilbu mħabba fihom il-grammatika tal-verbi li għandna; u kieku konna nistgħu anqas hu sewwa li nagħmluh. U anqas hemm għalfejn.

Għedna li għandna għaxar forom ta' verbi. Sewwasew huma disgħa, għax ir-Raba' forma Għarbija ma għandniex minnha fil-Malti, imma din jaqbel naqbżuha biex ma nħawdux l-ordni, u meta naslu għaliha ngħidu biss li minn dawn m'għandniex. Mela: għaxra. X'nagħmlu? Nistgħu inżidu forma oħra, u fiha ndaħħlu dawn il-verbi ġodda u nagħtuhom sura grammatikali? Nistgħu, mela le. Naraw kif.

L-istudjuż josserva li l-verbi kollha Sqallin, Taljani, Ingliżi li daħlu fil-Malti, jekk inqisu, kif għandna nqisu, dak li mill-konjugazzjoni tagħhom taqbel mal-paradigma tal-oħrajn (ħalli nibqgħu fuq il-"pattern" grammatikali li għandna), kollha kemm huma, bla eċċezzjoni xejn, jispiċċaw bil-vokali A: SOFRA, BATA, ĊEDA, ISSOTTA, IPPRETENDA, IVVOTA, IĊĊARĠJA, IĊĊEKKJA, IPPAKKJA, SKORJA, eċċ.

Mela, *prima facie,* ġa nistgħu ngħidu li m'għandniex xkiel biex indaħħluhom flimkien taħt forma ġdida li nistgħu bla tingiż tal-kuxjenza nsejħulha l-ĦDAX-IL FORMA, jew Forma Moderna li tieħu għamla ta' konjugazzjoni ġdida u li ma għandha x'taqsam xejn mal-oħrajn.

Issa jekk għall-ortografija kull kelma ġdida li tidħol fil-Malti trid tħallas id-dazju, kif ingħad, billi tinkiteb fuq il-mudell tal-fonetika Maltija bl-alfabett li għandna l-lum; hekk ukoll trid tħallas dazju ieħor grammatikali; u dawk li jiġuna mill-Inġlis, tarġa', jridu jħallsu dazju doppju, għax iridu wkoll joqogħdu għal adattament filoloġiku "tat-triq", ngħidlu jien. Jiġifieri qabel jaslu Malta jieħdu xejra Sqallija mal-oħrajn. Araw kif: il-verb *SKORJA* (li jingħaraf li m'hux ġej dritt mit-Taljan, kif għedt f'okkażjoni oħra, għax qabel l-A tal-aħħar għandu *J)* jkollu jieħu, għan-*nomen actionis* jew nom verbali, s-suffiss tal-infinit Sqalli nieqes mill-aħħar I, u bħalma "acciumbari" fil-Malti jsir "iċċomba", u jagħti bħala nom verbali

"ĊUMBAR", hekk ukoll il-verb Ingliż *TO SCORE* isir qabel, ngħidu aħna, verb Sqalli "scuriari" u fil-Malti jagħmel *SKORJA*, kif għedna, bin-nom verbali *SKURJAR*. U bħan-nom verbali hekk ukoll l-aġġettiv partiċipjali *SKURJAT*, qisu l-Isqalli "scuriatu" nieqes mill-aħħar U.

Nistaqsu: Mela dawn il-verbi "ġodda" tal-ħdax-il forma kollha jagħmlu hekk? Mhux għal kollox. Għax, bħalma fil-lingwi neo-Latini hemm il-konjugazzjonijiet (eż: Taljan: *-ARE*, *-ERE* u *-IRE*) hekk ukoll fil-Malti dawn il-verbi jinqasmu mhux fi tlieta imma fi tnejn. U billi fil-paradigma jispiċċaw kollha b'*A*, irridu mmorru (bħal f'xi każi tal-verbi l-oħra, ngħidu aħna l-moħfija u d-dgħajfa tal-ewwel forma) għall-preżent, fejn insibu li x'uħud minnhom (sewwasew dawk il-verbi Sqallin u Taljani li fl-infinit jispiċċaw *-ERE* u *-IRE*) fil-Malti jispiċċaw b'I, eż: BATA, IPPRETENDA li jagħmlu JBATI, JIPPRETENDI. Dawn fin-*nomen actionis* ma jagħmlux bħal sħabhom tal-*A*, jieħdu s-suffiss Sqalli *-IR*, u għalhekk ma ngħidux *BATIR* u *IPPRETENDIR* (avolja darba fil-BERQA qrajt u ma dħaktx bi ftit "IĊ-ĊEDIR TAL-ĠAPAN"), imma, jekk ikunu qsar u ta' assimilazzjoni faċli għall-għamla Għarbija, jimxu fuq il-verbi dgħajfin tat-tieni forma, eż: MEXXA, TMEXXIJA; BATA, TBATIJA; u, jekk twal, jibqgħu bla veru u proprju nom verbali imma jissellfu (bil-benefiċċju tal-inventarju — u, f'dal-każ l-inventarju hu ż-żmien) il-għamla ta' nom astratt li jkollhom fl-ilsien mnejn ikunu ġew, jiġifieri l-Isqalli jew it-Taljan, hekk: IPPRETENDA għal mument jagħmel PRETENZJONI fejn l-S tat-Taljan issir Z, bħal fl-Isqalli.

Min dan naraw li fil-ĦDAX-IL FORMA l-verbi jinqasmu f'żewġ gruppi: l-grupp *A* u l-grupp *I*. Ma' tal-ewwel jidħlu l-verbi ta' nisel Ingliż kollha. Osservaw anki hawn kemm tobdi r-regola vokalika tal-*O* u l-*U*: IXXOKKJA jagħmel XUKKJAR. Il-verbi tal-ĦDAX-IL FORMA grupp I, mbagħad, għall-aġġettiv partiċipjali jieħdu s-suffiss fuq l-Isqalli fejn l-*ITO* Taljana ssir *-UTO*, eż: Taljani: ferire, ferito; Sqalli: firiri, firutu; Malti: FIERA, JFIERI, FERUT. Fuq l-istess "pattern" minn IDDEFENDA ma joħroġx sewwa fil-Malti l-partiċipju Taljan DIFESO imma joqgħod bix-xerqa l-partiċipju Sqalli DEFENDUTU bl-aħħar *U* maqtugħa barra. Min jgħid DIFIS flok DIFENDUT ikun qiegħed ixekkel flok igħin, barra milli jkun qed jagħmel kontra dak li hu naturali għal ilsienna.

Nistaqsi: Għala din il-forma ġdida ma għandhiex tidħol fil-grammatika Maltija ġaladarba l-kliem li jaqa' taħtha daħal u qagħad u...... ħallas id-dazju li kien xieraq?

Inħallu għal-lum il-fehma ġdida fil-verbi Maltin sa hawn,

u, biex ma ntawwalx iż-żejjed, insemmu "fehma ġdida" oħra biss. In-Nomi.

Ħafna huma ġa n-nomi neo-Latini li daħlu fil-Malti u ħadu libsa Maltija u dawn għallanqas ġa ġew ittrattati xjentifikament minn ta' qabli. Kulħadd jaf is-siwi tal-ktejjeb ta' Napuljun Tagliaferro "L'elemento neo-latino nel Lessico Maltese", u daqqa ta' għajn lill-Grammatika ta' Cremona turina wkoll kif hawnhekk in-nomi neo-latini ħadu posthom kif kien xieraq. Insemmu *en passant*, bħala kurżità biss, żewġ fatti:

(a) Nomi Kwadrilitteri bħal KAPPELL, ĠAKKETTA, eċċ. jieħdu l-plural miksur tal-kwadrilitteri Għarbin u flok KAPPELLI u ĠAKKETTI jagħmlu KPIEPEL u ĠKIEKET. Araw tajjeb x'qawwa għandu l-aċċent fil-Malti. Peress li hawn, imħabba l-*IE* (li trid dejjem l-aċċent) flok fuq l-aħħar sillaba nsibuh fuq l-ewwel waħda, l-konsonanti doppja finali titlef il-forza u taqa' waħda minnhom u ma ngħidux KPIEPELL u ĠKIEKETT bħalma ġie li rajtha miktuba xi drabi bi żball. Din ir-regola però tapplika sa ċertu pont, għax il-kliem ġdid li dieħel dan l-aħħar, fuq fomm in-nies għallanqas qiegħed jieħu l-plural Sqalli, imma, billi fil-kawża tal-assimilazzjoni fil-Malti ta' dawn it-talin, l-avukat tax-xitan (biex ngħid hekk) għad ma qatax qalbu, l-grammatika għad ma tistax taqtagħha 'l hinn jew 'l hawn malajr malajr.

(b) Nomi ta' snajja' u professjonijiet bħal BARBIER u SPIŻJAR jieħdu fil-plural is-suffiss Sqalli li hu nnifsu jaqbel mal-plural tan-*nomen agentis* Għarbi, jiġifieri ż-żjieda tal-vokali *A*, hekk ngħidu BARBIERA u SPIŻJARA u le BRABAR jew SPIŻJARI. Qabbel għaldaqshekk: ĦAJJAT, ĦUTTAB eċċ. li jagħmlu fil-plural ĦAJJATA u ĦUTTABA. Ara ftit int stess kif jagħmel il-plural ta' LANDIER, BUTTAR, PUSTIER, INFERMIER u BIĊĊIER.

Għad li dan m'hux kollox, jidhirli li għedna biżżejjed biex nuru li hemm ħafna x'wieħed igħid fuq dawn li jien sejjaħtilhom "fehmiet ġodda" fil-vokabolarju neo-latin li daħal fil-Malti.

Imma l-fehmiet ġodda ma jonqsux anqas fejn jolqot il-vokabolarju aktar qadim tagħna, jiġifieri l-Għarbi. Ngħid waħda biss, bħala eżempju, qabel nagħlaq.

X'nafu aħna fuq l-aġġettiv fil-Malti? Xi ħadd qatt qal s'issa li l-aġġettiv Malti jingħaraf, fil-kotra tiegħu, mill-presenza fih tal-vokali *I*? Din infatti nsibuha: jew quddiem nett aċċentata (fl-aġġettivi li jsarrfu kuluri, difetti eċċ. eż: ISFAR, IKREĦ, neħħi fejn l-ewwel sieq tat-"tripied" tkun gutturali li titlob, kif ġa għedna, vokali minn tal-ewwel grupp *A* jew *IE* eż: AĦDAR); jew insibu l-I fin-nofs, f'aġġettivi verbali, fin-nofs jiġifieri biex niftehmu, qabel l-aħħar sieq, eż: NADIF, QASIR

ecc. (u hawn naraw kif il-kelma *TABIB* kienet oriġinarjament aġġettiv, u issa niġi għaliha) jew inkella bħala l-aħħar ittra tal-kelma f'aġġettivi mibnijin fuq nomi bħal BAĦRI, XEMXI, eċċ.

Din hi lezzjoni twila u ma nistax ngħid kulma nixtieq fuq il-fehmiet ġodda li sibt fiha, imma nikkuntentaw billi nsemmu biss tan-nofs, għall-kurżità.

Kif jagħmlu l-plural l-aġġettivi tal-*I* fin-nofs, eż: NADIF, QASIR, FQIR eċċ. Jibdlu l-I f'A eż: NDAF, QSAR, FQAR. Imma ġie waqt saqsejt lili nnifsi: Mela għala kultant ngħidu NODFA, QOSRA, FOQRA? X'inhuma dawn? Mela hemm żewġ plurali? It-tweġiba tgħathieli l-kelma TABIB bil-plural tagħha TOBBA. Għala din il-kelma ma tagħmilx il-plural TBAB bħall-oħrajn? Għax il-lum m'hix iżjed aġġettiv imma nom. Mela allura *NODFA, QOSRA* u *FOQRA* m'humiex il-plurali ta' NADIF, QASIR u FQIR meta dawn ikunu aġġettivi, imma biss meta jkunu nomi; u ma ninsewhx dan, għax, aħna wkoll, li naħsbu li nifhmu, għandna ħabta kbira nħalltu bla ma nqisu. Eż: Il-klassi fiha tfal *indaf* u tfal maħmuġin. *In-nodfa* jieħdu premju.

Sa hawn jien semmejt xi ħaġa fuq fuq dwar xi ftit mill-fehmiet ġodda li daħluli f'rasi fuq il-grammatika tal-Malti wara xejn anqas minn għaxar snin ta' studju u ta' tiftix, kif ukoll ta' lezzjonijiet mogħtija lil ħaddieħor; dan tal-aħħar l-iżjed għax, kif turi l-esperjenza, hu mill-mistoqsijiet li jagħmel l-istudent lis-surmast li s-surmast l-aktar li jżid it-tagħlim tiegħu. Fehmiet ġodda, narġa' ngħid, li, kif wieħed jista' jara b'għajnejh, ma joħolqu ebda rivoluzzjoni fil-grammatika tagħna kif nafuha, imma jqassmu aħjar u jagħmlu aktar faċli dak li hemm; fehmiet ġodda li, għalhekk, huma meħtieġa, jekk tassew irridu li l-Malti jmur dejjem aktar il quddiem, jekk irridu anzi li dawk li qed jagħmlulu l-ħsara billi jgħidu li hu tqil ma jsibux iżjed min iżomm magħhom.

Il-Malti qatt ma kien tqil. Ma kienx magħruf. U hu appuntu dak li m'hux magħruf li jinħass tqil, għax malli l-ħaġa ssir tafha, ssibha ħafifa. Biex issir tafha trid almenu tinġibed lejha u jkollok il-ħajra li tkun tafha, u sabiex il-ħajra tiġi trid tibda tifhem mill-ewwel bidu. Jekk jirnexxilna ninqdew b'sistema eħfef ta' tagħlim tal-grammatika Maltija, sistema li juri lill-istudent għaliex hekk u għaliex mhux hekk u jġagħluh jirraġuna, (u m'hemm ebda raġuni għax m'għandux jirnexxilna), għall-anqas għal dik li hi grammatika (ortografija u etimoloġija) wieħed jista' joqgħod iżgur li tliet xhur huma biżżejjed għal student ta' intelliġenza normali biex isir jafhom tajjeb.

Kulħadd jaf li jien sa minn mindu kont student kont inħobb il-Malti, biss, f'dak iż-żmien meta kienet saret il-"Għaqda tal-

Kittieba tal-Malti" ma kontx naqbel ma' l-ortografija ġdida li bħalissa ngħaqqadha ma' l-ismijiet ta' Missier il-Letteratura Maltija ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, ta' NINU CREMONA u oħrajn. Kont ħarist lejn dak l-alfabett b'lenti tal-"man in the street". Jien minn dejjem kont wieħed minn dawk li jridu jaraw b'għajnejhom u jmissu b'idejhom; u qatt ma ħadt xejn "for granted". Dħaltilha. U sibt li tal-"Għaqda" kellhom raġun. Ikkonvertejt.

Jekk inhu veru li min jikkonverti ikun aktar sħiħ u qawwi fil-fehmiet ġodda tiegħu, m'hemm ebda raġuni għax il-lum wieħed jaħseb fija dak li m'għandux. Ma għandi ebda ħsieb li mmur kontra ebda prinċipju tal-Għaqda tal-Malti li jien ħaddant miegħi minn rajja u bla ma ġagħalni ħadd. Imma, f'ġieħ is-sewwa, la għadna fiż-żmien, jekk jien għandi raġun fil-fehmiet ġodda li tagħhom tajt xi ħjiel hawn il-lum, ma għandu jkun hemm ebda raġuni anqas għaliex sħabi tal-Għaqda ma jaqblux miegħi f'dan li għedt.

Il-Malti l-lum, għad li jibqa' msejjaħ "tal-Għaqda" (xejn xejn bħala ġieħ lil dawk il-Kittieba ewliena li tħabtu u stinkaw biex tawh il-libsa sabiħa li għandu u li tant tixraqlu) hu l-Malti tal-Maltin kollha, u bħala Malti nagħmel appell lill-Maltin ħuti biex, bla ebda partitarismu, ngħinu flimkien ħalli ngħolluh dejjem aktar il fuq mhux biss fil-letteratura imma wkoll fix-xjenza lingwistika li tagħha hi fergħa ta' ħtieġa kbira l-grammatika. *Ad altiora!*

## RADD IL-HAJR

---

**L-ewwel għadd ta' LEHEN IL-MALTI ta' din is-sena qiegħed iżanżan libsa ġdida.**

**Il-qoxra artistika ta' l-organu tal-GHAQDA TAL-MALTI (Università) hu disinn tal-pittur żagħżugħ magħruf Malti, is-Sur Emm. Vin. Cremona u d-disinn ta' l-ittri għamlu s-Sur Salvino V. Soler.**

**Id-direzzjoni tiżżihajr mill-qalb lil dawn iż-żewġ sinjuri għar-rigal sabiħ li għoġobhom jagħmlu lil-LEHEN IL-MALTI".**

**L-EDITUR.**

# SCICLUNAS BANK

# SERVICE

# SECURITY

# SECRECY

# SAVINGS.

(ESTABLISHED 1830)

# THE
# NATIONAL BANK
# OF
# MALTA

---

## EVERY DESCRIPTION
## OF BANKING BUSINESS TRANSACTED

---

HEAD OFFICE: EXCHANGE BUILDINGS, VALLETTA.

GOZO BRANCH: VICTORIA, GOZO.

**Telegraphic Address: "BANK" Malta.**

---

AFFILIATED BANK:

## SCICLUNAS BANK

**PALACE SQUARE —— VALLETTA.**


Lux Press